MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF
GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2011

Appell Civili Numru. 529/1985/2

**Lawrence Attard ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta`
"L. and D. Attard Company Limited"**

**v.**

**Lino Cassar in rapprezentanza tal-"Mediterranean Film
Studios Limited" u b'digriet tat-23 ta' Gunju 1986 l-isem ta'
Lino Cassar gie sostitwit b'Vincent Farrugia u b'digriet
tal-5 ta' Gunju 2006 l-atti gew trasfuzi f'isem is-socjeta`**

**Mediterranean Film Studios Limited**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

Dan hu appell ad istanza tas-socjeta` konvenuta minn sentenza parzjali tal-Qorti tal-Kummerc tat-23 ta' Gunju 1986; minn digriet moghti mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-15 ta' Marzu 2007 u minn sentenza fil-mertu moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' Ottubru 2008 li cahdet it-tieni eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta u laqghet it-talba attrici u kkundannat lis-socjeta` konvenuta thallas is-somma ta' Lm15,170.88, ossija €35,348.15. Bl-ispejjez u bl-imghax kummercjali kontra s-socjeta` konvenuta.

Ghal intendiment ahjar ta' dan l-appell, il-Qorti qeghdha tirriproduci *in toto* s-sentenza appellata tad-29 ta' Ottubru 2008 kif jidher hawn taht:
"Il-Qorti,

"**A. CITAZZJONI:**

"Rat ic-citazzjoni ta' l-attur nomine li biha ippremetta:

"Illi s-socjeta` attrici kriet lis-socjeta` konvenuta diversi bicciet tat-taghmir li gew usati fil-film "The Sun Never Sets".

"Illi skont ir-rati kurrenti l-hlas tal-kiri jammonta ghal hmistax-il elf mija u sebghin lira maltin u tmienja u tmenin centesmu (Lm15,170.88c) kif jidher fl-invoice dokument A.

"L-attur nomine talab lill-Qorti:

"1. Is-somma ta' hmistax il-elf mija u sebghin lira Maltin u tmienja u tmenin centezmu (Lm15,170.88c) hlas ta' kiri ta' taghmir.

"Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-22 ta' Marzu, 1985 u bl-imghax kummercjali kontra l-konvenut nomine li gie mharrek ghas-subizzjoni.

“Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda, u d-dokumenti prezentati mill-attur nomine.

“**B. ECCEZZJONIJIET:**

“Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet ta’ Lino Cassar nomine li biha eccepixxa:

“1. Illi preliminarjament huwa ma ghandux ir-rapprezentanza gudizzjarja tas-socjeta` konvenuta u ghaldaqstant ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

“2. Illi subordinament u fil-meritu, il-pretensjoni tas-socjeta` attrici, in kwantu diretta kontra s-socjeta` konvenuta, hi ghal kollox infondata fid-dritt u fil-fatt billi l-ordni u ftehim ghall-kiri ta’ tghamir ma sarx mis-socjeta` konvenuta jew minn xi rapprezentant legittimu taghha, izda sar minn haddiehor, u ghalhekk din is-socjeta` konvenuta ma ghandha l-ebda responsabbilita` ghall-hlas dwar dak il-kiri.

“Billi din hi l-kwistjoni fondamentali li ghandha tigi deciza fl-ewwel lok il-konvenut nomine jirriserva li jaghti eccezzjonijiet ohra jekk ikun il-kas wara li tkun giet deciza din il-kwistjoni.

“3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

“Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-konvenut nomine.

“Rat l-atti kollha tal-kawza.

“Semghet lix-xhieda bil-gurament.

“Semghet l-abili difensuri.

“Ikkunsidrat

“**C. PROVI:**

“Rat id-digriet tat-2 ta’ Ottubru 1985 li permezz tieghu Dr. Saviour Demicoli gie nominat bhala perit legali.

“Rat is-sentenza tat-23 ta’ Gunju 1986 li permezz taghha l-Qorti laqghet it-talba ta’ l-attur *nomine* ghall-korrezzjoni fis-sens li l-kliem Lino Cassar ikun sostitwit bil-kliem Vincent Farrugia kull fejn hemm bzonn. In vista ta’ dik l-ordni, il-Qorti ma komplietx tiehu konjizzjoni ta’ l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta.

“Rat id-digriet tat-23 ta’ Gunju, 1986 li bih gie nominat bhala perit Legali Dr. Joseph Zammit Mckeon in sostituzzjoni ta’ Dr. Saviour Demicoli.

“Rat ir-rapport tal-Perit Legali <u>Dr. Joseph Zammit McKeon</u> li fih issemma li:

“Il-vertenza tal-kawza fil-qosor hija li l-attur nomine kera scaffolding ghall-uyzu fil-film “*The Sun Never Sets*” u jallega li s-socjeta` konvenuta kienet responsabbli ghall-hlas tat-taghmir mikri. Min-naha l-ohra s-socjeta` konvenuta tinsisti li l-hlas kellu jsir mill-*producer* tal-film. Fil-fatt il-progett kien abbandunat f’Malta. It-termini tal-kirja huma deskritti fid-dokumenti LA1 u LA2.

“**D. <u>RISULTANZI</u>**

“50. Fuq l-iskorta tal-provi kollha li ngabru, jirrizulta li fl-istores tas-socjeta` konvenuta ma kienx hemm scaffolding sabiex jinqeda bih il-producer tal-film “The Sun Never Sets” peress li l-iscaffolding li kellha s-socjeta` konvenuta kien intuza ghall-film “Christopher Colombus”. Kien ghalhekk li l-producer jew ir-rappresentant tieghu u cioe`` Leon Davis kienu riferuti mis-socjeta` konvenuta lis-socjeta` attrici. Huwa pacifiku li l-producer ma kienx jaf bis-socjeta` attrici qabel ma introducietu maghha s-socjeta` konvenuta. Sahansitra ipprovdiet bl-istationery taghha biex jaghmel l-ordni.

“51. Kuntrarjament ghal dak li xehed Albert Galea u indipendentement min-nomenklatura tal-formola, id-

dokument LA1 fih l-ordni, il-kwantita`, il-prezz u z-zmien tal-kirja. Mill-kontenut taghha, jidher car li ma kenitx "request form" semplici izda ordni biex issir "supply" ghall-prezz u termini ohra pattwiti. Inoltre jekk il-producer ma setax jottjeni t-taghmir mill-istores tas-socjeta` konvenuta, ma kellux ghalfejn ikollu dik il-form partikolari li kien ottjena minghand is-socjeta` konvenuta. Albert Galea ma setax ighid ghala Davis uza stationery taghhom biex ghamel l-ordni. Ir-raguni li ta hu kienet: "Probabbilment tawh taghhom biex jinqeda".

"52. Ghalkemm jirrizulta li Leon Davis ma kienx impjegat tas-socjeta` konvenuta, ma jfissirx li bil-firma tieghu fuq dokumenti LA1 u LA2 ma kienx qed jorbot lis-socjeta` konvenuta fil-konfront tas-supplier.

"53. Minhabba taqlib li ghaddiet minnu s-socjeta` konvenuta, ir-ricerka ta' xi stores issue vouchers relatati mal-kaz ma kenitx possibbli u ghaldaqstant l-attendibilita` ta' dak li sostna Albert Galea ma setghetx tigi kontrollata. Jibqa' l-fatt pero` li una volta irrizulta li l-klijent tas-socjeta` konvenuta qatt ma ha taghmir mill-istores taghhom, ma setghet qatt tohrog invoice mis-socjeta` konvenuta biex thallasha ta' taghmir li kellu jiehu mill-istore.

"54. Issa hawn jinsab il-qofol tal-kwistjoni. Jekk kif ighidu x-xhieda tas-socjeta` konvenuta l-istores issue voucher kellu biss funzjoni interna ghall-kumpanija, xi spjegazzjoni hemm sabiex dik il-formola tinghata lill-producer biex jordna apparat minghand terzi li s-socjeta` konvenuta ma kellhiex disponibbli. Ma hemmx dubju li dizgwid – jekk kien hemm – inholoq unikament mis-socjeta` konvenuta. L-esponent jenfasizza li l-bazi tan-negozju specjalment fejn hemm "credit terms" isib ir-raison d'etre tieghu fil-bona fides u ghaldaqstant una volta s-socjeta` konvenuta ipprovdiet hi l-istationery lill-producer, una volta kienet taf li kien se jaghmel ordni barra l-istores taghha ma' terzi, una volta kienet hi li irreferiet lill-producer lis-supplier, huwa biss naturali li ghalkemm iffirma l-ftehim il-producer l-obbligazzjoni ghall-hlas kienet tas-socjeta` konvenuta. Ghalhekk mhux legalment ammissibbli li s-socjeta` konvenuta ippruvat tohrog mill-obbligazzjoni certament

ghaliex il-producer kien inadempjenti fil-konfront taghha jew addirittura ghal ragunijiet li taf is-socjeta` konvenuta ma addebitatx hi lill-producer.

“55. Anke mix-xhieda ta’ Albert Galea, irrizulta li l-kuntatti tal-producer mas-supplier saru mis-socjeta` konvenuta. Issa jekk kif jghid Albert Galea s-socjeta` konvenuta issekondat ghal mal-producer lill-impjegat taghha Victor Galea biex ighinu f’kull ma kien jehtieg, wiehed jistaqsi ghala dan Victor Galea ma tressaqx bhala xhud biex ifisser x’gara u x’kien il-ftehim. Albert Galea ma jistax ikun konvincenti meta jghid li l-funzjoni tas-socjeta` konvenuta fil-konfront tas-socjeta` attrici waqfet sal-mument tal-kuntatt una volta kellha impjegat taghha fil-qofol tal-preparamenti tal-film u una volta ipprovdiet lill-producer bi stationery taghha biex taghmel ordnijiet minghand terzi. Jekk in-negozjati saru direttament bejn is-socjeta` attrici u l-producer kien proprju ghaliex il-producer kien jaf x’jehtieg izda jekk il-komunikazzjoni bejn il-producer u s-socjeta` konvenuta kienu mankanti ghal mitt raguni li seta’ kiem hemm ma jwaqqax in-negozju u jillimitah ghal relazzjoni estranea ghas-socjeta` konvenuta.

“56. Il-fatt li s-socjeta` konvenuta ma irrintraccjat ebda wiehed mid-dokumenti l-aktar rilevanti ghall-kaz idghajjef b’mod qawwi mhux daqstant il-kredibilita` tar-rappresentanti taghha izda s-sostentament tad-difiza taghha.

“57. L-argument tas-socjeta` konvenuta li una volta fil-kaz in kwistjoni ma kenitx segwita l-procedura tal-“purchase order” billi si trattava ta’ servizz minghand supplier ifisser allura li ma kenitx responsabbli ghall-hlas hi versu s-supplier ma jregix ghaliex minn imkien ma irrizulta mill-provi li s-socjeta` attrici kienet specifikament avzata mis-socjeta` konvenuta li hi ma taghmilx tajjeb ghall-hlas minghajr purchase order. Galadarba rrizulta li l-producer kien introdott mas-socjeta` attrici mis-socjeta` konvenuta u din ta’ l-ahhar kienet taf li kien jehtieg scaffolding minghand is-socjeta` attrici ma messha tatu ebda stationery taghha biex jiddokumenta s-servizz u t-termini tal-hlas.

“58. Tenut kont tal-mod kif kien kondott in-negozju bejn is-socjetajiet kontendenti, il-fatt li fil-kaz odjern id-dokumenti LA1 u LA2 ma kienux iffirmati minn rapprezentant tal-kumpannija ma jwaqqax il-kaz tas-socjeta` attrici ghaliex fil-fattispece Leon Davis kellu l-mandat tacitu tas-socjeta` konvenuta konfermat minn stationery li tatu hi stess sabiex jaghmel l-ordni hu u l-hlas isir bil-metodu normali. Vis-à-vis is-supplier is-socjeta` konvenuta kienet tkun hi responsabbli pero` mbaghad hi dejjem kellha dritt ta’ rifuzjoni minghand il-producer flimkien mal-kummissjoni taghha.

“59. Jekk skont Alfred Mifsud l-istores issue voucher ma kien qatt intiz biex jintuza meta ssir ordni lil terzi, jibqa’, mhux spjegat ghaliex il-producer intbaghat bi ktejjeb ta’ stores purchase orders ghand is-socjeta` attrici biex jaghmel ordni ta’ scaffolding li ma kienx disponibbli mill-istores tas-socjeta` konvenuta.

“60. Anke tenut kont tal-principju “onus probandi incumbit ei qui dicit”, l-esponent huwa tal-fehma li abbazi ta’ preponderanza ta’ probabilitajiet is-socjeta` attrici rnexxielha tipprova li s-socjeta` konvenuta hija debitrici taghha fl-ammont indikat fic-citazzjoni. L-ammont “ut sic” qatt ma gie kontesat u ma irrizultat ebda cirkostanza li timpedixxi l-accettazzjoni tieghu. Fil-fehma ta’ l-esponent, is-socjeta` attrici pprovat sodisfacjentement u konkludement it-talba taghha, liema talba ghandha ghalhekk tkun milqugha kif dedotta bl-imghax kif mitlub.”

“Rat ix-xhieda ta’ Dr. Joseph Zammit Mckeon in eskussjoni fejn b’referenza ghall-ewwel domanda dwar il-paragrafu tlettax tar-relazzjoni tieghu, fejn ikkonstata li Leon Davis kien ir-rapprezentant tal-*producer*, kif jirrikoncilja dan il-fatt ma’ dak li qal fil-paragrafu 18 b’referenza ghax-xhieda ta’ Lawrence Attard, u cioe`` li l-ordni saret mis-socjeta` konvenuta skont id-dokumenti LA1 u LA2, it-twegiba tieghu kienet li ma hemm l-ebda dizgwid jew kontradizzjoni bejn iz-zewg ***statements***, ir-raguni li f’paragrafu 13 jinghad li mhux kontestat li Leon Davis kien ir-rapprezentant tal-*producer*, kien hu li ffirma

dokumenti LA1 u LA2, izda hu irrileva li mill-persuni li xehedu dawk li setghu jiccaraw kif sar in-negozju u ma’ min kienu Lawrence Attard, Albert Scerri u Albert Galea proprju ghaliex dan Leon Davis qatt ma gie prodott bhala xhud. Ir-raguni naturali kienet li din il-persuna kienet halliet dawn il-Gzejjer. Fix-xhieda tas-Sur Attard jew estratt minn dak li qal hu, paragrafu 18 hu qal li l-kumpanija estera li giet Malta biex tigbed il-*film* bl-isem *The Sun Never Sets* ghamel kuntatt mas-socjeta` attrici tramite s-socjeta` konvenuta. Il-kuntatt sar ma’ Albert Scerri tas-socjeta` attrici u l-ordni saret mis-socjeta` konvenuta skont id-dokumenti LA1 u LA2 u l-kunsinna saret skont dik l-ordni, dana huwa skont x’qal is-Sur Attard. Il-kontradizzjoni li ma hix qeda hemmhekk proprju ghal din ir-raguni ghaliex ghalkemm dan Leon Davis kien impjegat tal-*producer* jew kien intbghat hemm mill-*producer* pero` kollox sar tramite s-socjeta` konvenuta u s-socjeta` konvenuta kienet tqis li introduciet lil din il-persuna mas-socjeta` attrici. Xtaq jaghmilha cara li f’din il-kawza li almenu irrizulta kien li dan ma kienx kaz ta’ ghandek is-socjeta` attrici, mar dan Leon Davis habbat il-bieb taghhom jew cemplilhom bit-telefon, jew baghtilhom xi *e-mail* biex dan jaghmel kuntatt maghhom, almenu mhux hekk irrizulta. Li irrizulta kien illi dan Davis ghamel il-kuntatti tieghu mas-socjeta` konvenuta, is-socjeta` konvenuta introducietu hi mas-socjeta` attrici u skont ma irrizulta, irrizulta mill-provi hekk kif rahom hu, kienet hi li introduciet mieghu, ipprovidietlu anke l-istationary biex ikun jista’ jaghmel in-negozju mieghu u l-bzonnijiet tieghu kienu indirizzati lis-socjeta` attrici u r-ragunijiet ghax forsi gja` qalhom fir-relazzjoni pero` mbaghad forsi waqt li kien qed jirrispondi jkun hemm aktar kjarezza fuq dan il-punt. Jigifieri hu ma jarax kontradizzjoni bejn iz-zewg *statements*.

“Dwar it-tieni domanda li tghid b’referenza ghall-paragrafu 19 mir-relazzjoni tieghu, korrett li qal li skont il-konstatazzjonijiet tieghu l-ftehim li kien jirregola n-negozju mertu tal-kawza huwa rakkjuz fid-dokumenti LA1 u LA2.

“It-tielet domanda kienet b’referenza ghall-paragrafi 23 u 24 mir-relazzjoni, kemm kellha importanza fil-

konkluzjonijiet tieghu x-xhieda ta' Albert Scerri dwar dak li allegatament qallu l-Ingliz (Leon Davis) u cioe`` li kien qed jitkellem f'isem is-socjeta` konvenuta, hu jaghti piz lil kull prova li tigi, ma joqghodx jixxindi wahda minn ohra, kemm provi orali u kemm provi dokumentali. Issa hu ta affidament jew ta piz, ghal dak li qal is-Sur Scerri daqstant iehor bhal ma ta xhieda ohra, fosthom anke tas-Sur Albert Galea.

"Fil-paragrafu 31 fid-domanda numru 4 tghid hekk b'referenza ghall-paragrafu 31 mir-relazzjoni tieghu, x'piz kellu dan il-fatt li johrog mill-ittra msemmija fl-istess paragrafu, fuq l-opinjoni tieghu dwar it-tieni eccezzjoni mressqa mis-socjeta` konvenuta, l-ittra in kwistjoni kienet li f'mument partikolari s-socjeta` konvenuta qabel l-ittra tat-13 ta' Marzu 1984 ghax trid tara s-sekwenza, ma kien hemm, kien hemm prattikament silenzju min-naha tas-socjeta` konvenuta, imbaghad sa dak in-nhar ghax hekk kien qed jinghad minn dan ix-xhud partikolari, is-socjeta` konvenuta qatt ma qalet li mhix obbligata thallas jew mhix responsabbli ghall-hlas imma jekk dak kien hemm fis-sens li ma kienx hemm bil-miktub illi hi mhux qed tichad responsabbilta` ghall-hlas jew qed tichad responsabbilta` ghall-hlas f'dan il-kaz partikolari bill-mod kif iddeportat ruhha s-socjeta` konvenuta, kienet qeda tidhol f'obbligi li jitfghu responsabbilta` fl-opinjoni tieghu ghall-hlas tal-kreditu.

"B'referenza ghall-paragrafu 33, il-konkluzjoni li jaghmel Albert Scerri ssegwi l-premessa, u cioe`` li galadarba LA1 u LA2 hargu fuq *letterhead* tas-socjeta` konvenuta, kienet l-istess socjeta` konvenuta responsabbli ghall-hlas, kienet id-domanda. Hu meta xi hadd jiehu b'dokument jew bl-*letterhead* ipprovduta mis-socjeta` konvenuta, ma ninsewx kien bniedem estranju dan, dan kien *a foreigner*, jigi ghand *supplier* Malti li jkollu kuntatti, almenu hekk jirrizulta, ikollu kuntatti mas-socjeta` konvenuta ghaliex is-socjeta` attrici irrizulta li kienet involuta f'dan ix-xoghol u kienet tipprovidi hafna *props* u *equipment* ghax-xoghol, ghall-industrija tal-*films*. *Letterhead* li mhux kontestat li huwa dokument tas-socjeta` konvenuta ma' jistax jigi trattat qisu bicca karta ma tiswa xejn.

"Domanda numru 6, b'referenza ghall-paragrafi minn 42 sa 44 li huma d-dokumenti in kwistjoni, ikkosta d-differenza bejn l-imsejha "*stores issue voucher*" u *purchase order* normali, ghallinqas mix-xhieda tas-socjeta` konvenuta, iva jekk wiehed jgharbel ix-xhieda tas-socjeta` konvenuta ghalihom hemm differenza bejn l-uzu ta' *stores issue voucher* u *purchase order* normali, fil-qosor, skont is-socjeta` konvenuta l-iskop ta' *stores issue voucher* kien dan, imur *producer* tal-*films* u jkollu bzonn l-*equipment*.  L-*istores issue voucher* skont is-socjeta` konvenuta kien intiz, kien dokument intern illi meta l-*producer* jew min ghandu interess li jkollu *equipment* li kien *available* ghand is-socjeta` konvenuta, dana kien imur b'dana l-*voucher* u jitlob l-*equipment* u jigi *delivered*. Meta dak l-*equipment* ma hux *available* allura qed jigi *outsourced* allura jintuza l-*purchase order*.

"B'referenza ghall-paragrafu 52, ikkonstata li Davis ma kienx lanqas rapprezentant tas-socjeta` konvenuta imma kien rapprezentant tal-*producer* u dana minkejja li ntuza dokument ufficjali tas-socjeta` konvenuta, hu diga irrispondieha, Mr.  Davis ma kienx impjegat tas-socjeta` konvenuta, ma kienx persuna li pero` qabdet u marret ghand is-socjeta` attrici minn jeddha, kienet indirizzata mis-socjeta` konvenuta almenu kif irrizultaw il-fatti biex tmur ghand is-socjeta` attrici.

"Iz-zewg kontrattanti fl-opinjoni tieghu ma kienux il-*producer* u s-socjeta` attrici, imma l-kontrattanti kif spjega fil-paragrafu 54 kienu l-partijiet f'din il-kawza.

"Is-socjeta` konvenuta meta nqala' d-*dispute* dwar il-hlas cahdet ir-responsabbilta`, pero` waqt, dak ma jhassarx l-imgieba tar-rapprezentanti taghha u kif gabu ruhhom fil-vicenda kollha taghha.  Jigifieri dawk iz-zewg dokumenti jigu inkwadrati wkoll fl-imgieba tar-rapprezentanti taghha f'din il-kwistjoni.

"L-ahhar domanda kienet ghamilx konsiderazzjoni dwar il-*quantum* mitlub mis-socjeta` attrici u dana fid-dawl tat-tielet u r-raba' dikjarazzjoni guramentata tal-fatti li taghmel

is-socjeta` konvenuta flimkien man-nota ta’ eccezzjonijiet taghha, il-*quantum* tad-danni jirrizulta minn dawn id-dokumenti li gew esebiti. Waqt il-gbir tal-provi s-socjeta` konvenuta, id-danni ma kontestathomx u ma ngabet ebda prova li lilu ggieghelu jiddubita jew jahseb diversament dwar il-*quantum* tad-danni. Kellu dokument li huwa guramentat, huwa ikkonfermat, mhux kontestat mill-parti l-ohra u allura accettah. Kien qed jirriferixxi ghal-kiri tal-*props*.

“**D. KONSIDERAZZJONIJIET:**

“Illi l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fil-5 ta’ Ottubru, 2001 fil-kawza fl-ismijiet **Louis Theuma vs Anthony Borg** irriteniet illi:

“l-appellant jilmenta, u f’dan ghandu jinghata ragun, illi l-ewwel Qorti illimitat il-gudikat taghha ghal adozzjoni tar-rapport peritali li hi dikjarat li kienet accettabbli ghaliha taht kull aspett. F’okkazzjonijiet simili kien hemm gudikati ta’ din il-Qorti fejn is-sentenza appellata tkun iddikjarata nulla u l-atti rimessi lill-Ewwel Qorti in kwantu s-sentenza tkun tiddifetta mill-element essenzjali taghha, dik li taghti motivazzjoni xierqa ghad-decizjoni taghha. Il-Qorti kellha kull dritt li taddotta rapport peritali li jkun sewwa investa t-talbiet attrici u l-eccezzjonijiet tal-konvenut skont l-inkarigu moghti pero’ tali adozzjoni kellha tkun wahda kritika fis-sens wiesgha tal-kelma u s-sentenza kellha allura taghmel accenn ghas-sottomissjonijiet tal-kontendenti dwar ir-rapport peritali u taghti raguni anke b’mod sintetiku ghaliex ciononostante l-Qorti kienet tal-fehma li tinkorpora l-qalba tar-relazzjoni bhala l-motivazzjoni tas-sentenza taghha, kif ghamlet il-Qorti f’dan il-kaz”.

[Ara wkoll PA – LFS – 22/6/04 **Clive Simpson vs John Saliba noe et**].

“Ukoll fil-kawza fl-ismijiet **Vella Carmel vs Sammut Victor** (Prim’Awla – Imh. P. Sciberras), deciza fit-18/2/2004 intqal:

"Issa huwa pacifiku f' kazijiet ta' din ix-xorta illi l-gudizzju tal-Qorti kellu necessarjament ikun bazat fuq l-opinjoni teknika tal-perit nominat minnha. Dan aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta lilha koncessa b' talba ghan-nomina ta' periti addizzjonali. Ara "**Giswarda Bugeja *et* -vs- Emmanuele Muscat *et***", Appell Civili, 23 ta' Gunju 1967;

"Huwa minnu illi skont l-Artikolu 681 tal-Kapitolu 12 il-Qorti ma hijiex tenuta jew marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet tar-rapport tal-perit u li, bhal materjali istruttorji ohrajn huma kontrollabbli mill-gudikant, kontra l-konvinzjoni taghha nfisha. "Dan pero` ma tistax taghmlu b' mod legger jew kapriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravement ipoggu fid-dubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b' ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta' l-aspett tekniku tal-materja taht ezami" - "**Philip Grima -vs- Carmelo Mamo *et nomine***", Appell, 29 ta' Mejju 1998. Anzi, gie wkoll sewwa ritenut illi "f' cirkostanzi bhal dawn ikun pruzuntuz ghall-gudikant illi jiddipartixxi bla raguni verament valida mir-relazzjoni peritali. Dana mhux biss ghax ma kellux il-mezzi ghad-disposizzjoni tieghu biex serenement jinoltra ruhu fl-aspetti teknici tal-meritu, imma wkoll ghaliex necessarjament tkun tonqsu dik il-konoxxenza mehtiega biex, b' mod kritiku, jasal ghal konvinciment divers minn dak li jkunu waslu ghalih l-esperti minnu nominati" - "**Benjamin Camilleri *nomine* -vs- Charles Debattista *nomine***", Appell, 9 ta' Frar 2001."

"Fil-kawza **Champalin Company Limited vs Emmanuel Debono et** (Imh. J. R. Micallef - 01/03/2004) inghad:

"Ir-ragunament imfisser tant tajjeb fir-Rapport imressaq minnu jikkostitwixxi determinazzjoni ta' fatt li din il-Qorti sejra toqghod fuqu ghaliex, ghalkemm *dictum expertorum numquam transit in rem judicatam*, il-konkluzjonijiet ta' perit tekniku jikkostitwixxu prova u mhux semplici opinjoni jew suspett. Tali fehmiet ghandhom is-sahha ta' prova bhal kull prova ohra ammissibbli fil-ligi, u jibqghu jgawdu din il-kwalita' sakemm ma jigux kontestati, jew permezz ta'

provi ohrajn kuntrarji ghalihom jew inkella b'sottomissjonijiet serji u tajbin bizzejjed li juruhom bhala fehmiet inattendibbli u li ma jitwemmnux App Civ 9/2/2001 – Camilleri vs Debattista]. Ghalkemm il-Qorti m'hijiex marbuta li toqghod ghal fehmiet ta' perit minnha mahtur kontra l-konvinzjoni taghha nnifisha [Kap 12 Art 681] , madankollu l-*giudizio dell'arte* ma jistax u m'ghandux jitwarrab facilment, sakemm ma jkunx jidher b'mod car li l-fehmiet u konkluzjonijiet tal-perit huma irragonevoli [App Civ 23/6/1967 Bugeja vs Muscat et]."

"Il-konvenuta fin-nota taghha sostniet li mill-provi prodotti quddiem il-perit legali, u anke minn konkluzjonijiet raggunti mill-istess perit legali li l-kiri sar direttament u akkont biss ta' certu Leon Davis li ma kienx qieghed jirraprezenta lis-socjeta` konvenuta izda kien qieghed jirrapprezenta lill-*producer* tal-*film* in kwistjoni, ossija s-socjeta` Cable Communication Co. Ltd. Dan hu dak li sostniet is-socjeta` konvenuta mill-bidu izda li la ikkonvinciet lill-Perit Legali u lanqas lill-Qorti. L-aktar prova li tmur dijametrikament oppost ghal dak sostnut mis-socjeta` konvenuta huwa l-fatt ta' l-uzu tal-*letterheads* ta' l-istess socjeta` konvenuta u l-parti konsiderevolment attiva li hadet l-istess socjeta` konvenuta li juri car li ma kenitx semplicement xi agent izda li keinet qieghdha hi stess tordna l-oggetti in kwistjoni. L-ordni li saret mas-socjeta` attrici huwa intestat f'isem is-socjeta` konvenuta. Il-fatt li dan id-dokument gie iffirmat minn Leon Davis *se mai* jaghti d-dritt lis-socjeta` konvenuta biex hi tagixxi fil-konfront ta' Davis jew ta' min jirrapprezenta, u cioe`` lil Cable Communications Limited. Id-dokumenti LA1 u LA2 a fol 282 u 283 tal-process ma jistax ikun li jhallu dubju f'mohh min qed jiggudika li l-ordni saret mis-socjeta` konvenuta. Dan mhux kaz fejn silfithom bicca karta izda car daqs il-kristall li kienet is-socjeta` konvenuta li talbet il-kirja.

"Fil-kors tal-kawza dan kollu deher matul il-provi u f'ebda hin is-socjeta` konvenuta ma ippruvat li tipproduci xi affidavit ta' Leon Davis. Il-fatt li skont is-socjeta` konvenuta Davis kien jirrapprezenta lil Cable Communications Limited b'ebda mod ma jiskulpa lis-

socjeta` konvenuta *vis-a-vis* s-socjeta` attrici ghax is-socjeta` konvenuta ordnat minghand l-attrici propju wara li tkellmet ma' Davis. Irrizultat anke l-parti attiva li kienet tiehu s-socjeta` konvenuta bejn il-*producers* u s-socjeta` attrici.

"Fit-trattazzjoni s-socjeta` konvenuta ippruvat tattakka li ma ngabitx prova ta' kemm *scaffolding* intalab u anqas dwar ammont dovut, izda jirrizulta car li fil-kors tal-kawza in segwitu li s-socjeta` attrici ghamlet il-provi (ghalkemm veru ftit limitati) taghha, is-socjeta` konvenuta m'ghamlet xejn f'dan ir-rigward. Jinghad li fin-nota ta' eccezzjonijiet ma saret ebda kontestazzjoni dwar il-*quantum* kemm ta' taghmir kif ukoll tal-prezz mitlub.

"**E. KONKLUZJONIJIET:**
"Ghal dawn il-motivi tichad it-tieni eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta li l-ordni u ftehim ghall-kiri ta' taghmir ma sarx mis-socjeta` konvenuta jew xi rapprezentant legittimu taghha.

"Tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lil dik attrici s-somma ta' Lm15,170.88, ossija €35348.15.

"Bl-ispejjez u bl-imghax kummercjali kontra s-socjeta` konvenuta."

**Fatti mertu tal-kawza**

Qabel ma tghaddi biex tikkunsidra l-aggravji tas-socjeta` konvenuta appellanti, din il-Qorti thoss li jkun opportun li taghti sfond fil-qosor tal-fatti kollha mertu tal-kawza in kwistjoni.

Il-fatti li taw lok ghall-kawza odjerna fis-succint taghhom huma s-segwenti:-

Illi fis-sena 1983 il-kumpanija estera Cable Communications Co. Ltd. giet biex tigbed Il-film "The Sun Never Sets" fil-facilitajiet li toffri s-socjeta` konvenuta. Gara li peress li kien qieghed jingibed film iehor, is-

socjeta` konvenuta ma kellhiex *scaffolding* bizzejjed x'tipprovdi lis-socjeta` estera u ghalhekk l-istess *scaffolding* inkera minghand is-socjeta` attrici.

Il-vertenza kollha ddur dwar min kien responsabbli ghall-hlas tal-istess kirja ta' taghmir, u cioe` jekk hux is-socjeta` estera Cable Communications Co. Ltd. jew inkella s-socjeta` konvenuta.

Filwaqt li s-socjeta` konvenuta tissottometti li ma hi bl-ebda mod responsabbli ghall-imsemmi hlas ghax dan hu dovut mis-socjeta` estera, is-socjeta` attrici tirritjeni li s-socjeta` konvenuta hi responsabbli ghax l-ordni biex jinkera l-istess apparat kienet saret fuq dokumenti b'*letterheads* taghha nonostante l-fatt li l-istess dokumenti kienu ffirmati minn rapprezentant tas-socjeta` estera.

**L-appell tas-socjeta` konvenuta**

Illi l-appell tas-socjeta` konvenuta hu mibni fuq erba' binarji u cioe`:

1. Appell mis-sentenza parzjali tal-Qorti tal-Kummerc datata 23 ta' Gunju 1986;

2. Appell mid-digriet tal-ewwel Qorti tal-15 ta' Marzu 2007;

3. Is-sollevar tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ai termini tal-Artikoli 2148 (f) u 2156 (f) tal-Kap. 16;

4. Appell mis-sentenza finali fil-mertu tal-ewwel Qorti datata 29 ta' Ottubru 2008.

Is-socjeta` attrici ma pprezentatx risposta ghall-appell tas-socjeta` konvenuta, izda d-difensur taghha ttratta oralment.

Din il-Qorti se titratta dan l-appell fl-istess ordni u cioe`:-

**1. L-Appell mis-sentenza parzjali datata 23 ta' Gunju 1986**

Din is-sentenza ddecidiet l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta u cioe` li Lino Cassar ma kellux ir-rapprezentanza gudizzjarja tal-istess socjeta` u ghaldaqstant ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Permezz tal-istess sentenza parzjali il-Qorti tal-Kummerc kienet laqghet it-talba tas-socjeta` attrici ghall-korrezzjoni ta' isem tal-konvenut minn "Lino Cassar" ghal "Vincent Farrugia" u dan stante li sussegwentement irrizulta illi l-istess Farrugia kellu r-rapprezentanza guridika tas-socjeta` konvenuta. Fl-istess sentenza l-Qorti ddikjarat li in vista ta' dan il-fatt, hi kienet se tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel eccezzjoni.

Minn qari tal-Artikolu 175 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, kemm qabel ma l-istess gie emendat bl-emendi tal-1995 u kif ukoll wara, ma hemm l-ebda dubju li tali korrezzjoni hija ammissibli in kwantu ma tbiddel xejn mis-sustanza tal-azzjoni attrici. Tul is-snin, dan l-artikolu kif originalment ippromulgat u kif sussegwentement emendat serva u gie uzat mill-Qrati taghna biex jigu evitati duplicita` ta' kawzi u biex jigi evitat dak il-formalizmu rigoruz li hafna drabi kien iwassal biex jigi stultifikat il-kuncett ta' gustizzja[1].

Din il-Qorti tirrileva inoltre illi f'dan il-kaz kien l-istess konvenut Cassar ukoll li kompla induca lis-socjeta` attrici fl-izball stante li kien huwa stess li wiegeb ittra ufficjali fejn ma gietx imqanqla din il-kwistjoni kif ukoll li halef l-

[1] Fil-kawza **Xuereb v. Xuereb**" tat- 2 ta' Jannar **1883** Vol X p1, gie enfasizzat per ezempju illi l-formalizmu u r-rigorizmu esagerat fil-proceduri gudizzjarji gie abbandunat bhala "*il sistema proprio dell'infanzia del diritto*". Hu pacifiku li "*llum il-ligi u l-Qorti, aktar mill-formalizmu jew legalizmu, thares lejn dak li hu skond il-haqq u s-sewwa, lejn il-gustizzja sostanzjali, xi drabi wkoll, fejn mehtieg, moderata mill-principju tal-ekwita`*". (Vol XXIX pI p1171 **Tonna v. Chetcuti** 16 ta' Novembru 1934, **Carmelo Meli v. Anthony Sammut**, Appell Kummerc, 22 ta' Dicembru 1970).

eccezzjonijiet odjerni in rapprezentanza tal-istess socjeta`[2]. Ghaldaqstant dan l-aggravju qieghed jigi michud.

L-ilment l-iehor tas-socjeta` konvenuta hu li anke jekk semmai tali korrezzjoni hija wahda valida fil-ligi, l-istess atti kif korretti kellhom jergghu jigu notifikati mill-gdid. Din il-Qorti tosserva illi tul il-gbir kollu tal-provi quddiem il-Perit Legali d-difensuri tas-socjeta` konvenuta baqghu jippartecipaw b'mod attiv, tant illi l-istess socjeta` pproduciet ix-xhieda taghha u anke saru kontro-ezamijiet tax-xhieda attrici. Ghalhekk certament, anke jekk tali notifika mill-gdid fil-fatt qatt ma saret, l-istess socjeta` ma tistax wara iktar minn ghaxar snin tistultifika l-process gudizzjarju wara li hi stess issokkombiet ghall-istess process. Jekk kien hemm xi nuqqas ta' partecipazzjoni da parti tar-rapprezentanti tas-socjeta` konvenuta tul il-kors tal-kawza, dan zgur ma kienx dovut ghall-fatt li hi qatt ma giet notifikata mill-gdid bic-citazzjoni kif korretta, ghaliex galadarba ttellghu xhieda f'isem l-istess socjeta` allura wiehed m'ghandux ghalfejn jiddubita li l-istess socjeta` kienet taf bil-prodediment tal-kawza. Ta' min jirrileva wkoll illli x-xhieda prodotti mill-istess socjeta` konvenuta huma impjegati taghha stess u ghalhekk mhux verosimili li tghid li ma kinitx taf b'dawn il-proceduri.

Fil-fehma ta' din il-Qorti, anke jekk forsi kien ikun desiderabbli li c-citazzjoni bl-okkju kif korrett terga' tigi notifikata, in-nuqqas ta' tali notifika ma jirrendix nulli l-atti sussegwenti ghal tali korrezzjoni u dan in vista ta' dak appena rilevat u cioe` illi s-socjeta` konvenuta baqghet tippartecipa permezz tal-avukat difensur taghha fis-seduti kollha tant li l-istess difensur deher f'diversi seduti quddiem l-ewwel Qorti fejn informaha bl-andament tal-perizja.

**Illi ghalhekk l-appell mis-sentenza parzjali tat-23 ta' Gunju 1986 qieghed jigi michud.**

---

[2] (ara pagna 9 a tergo).

**2. Appell mid-digriet tal-ewwel Qorti tal-15 ta' Marzu 2007**

Illi s-socjeta` konvenuta hassitha wkoll aggravata bid-digriet moghti mill-Ewwel Qorti fil-15 ta' Marzu 2007, fejn l-istess Qorti cahdet rikors ipprezentat mill-istess socjeta` konvenuta fejn talbet:-

i. li jigu sfilzati l-atti kollha li saru fil-kawza minn dakinhar li Vincent Farrugia ma baqax jirraprezentaha;

ii. taghtiha l-fakolta` li tipprezenta nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri in konnessjoni ma' preskrizzjoni;

iii. tordna riferenza kostituzzjonali in relazzjoni man-nuqqas ta' smiegh xieraq u nuqqas ta' smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli.

i. Fir-rigward tat-talba ghall-isfilz tal-atti kollha li saru wara li Vincent Farrugia ma baqghax jirraprezentaha, kif gie tajjeb rilevat mis-socjeta` attrici fir-risposta taghha ghar-rikors surriferit, is-socjeta` konvenuta ma gabet l-ebda prova dwar meta l-istess Farrugia ma baqghax jirraprezenta lill-istess socjeta` u ghalhekk certament l-ewwel Qorti kellha ragun tichad tali talba. Din il-Qorti terga' tinnota illi d-difensur tal-istess socjeta` qatt ma ssolleva l-fatt li Vincent Farrugia ma kienx ghadu direttur tal-istess socjeta`. Inoltre s-socjeta` konvenuta ma tistax tissolleva din il-pregudizzjali meta hi stess baqghet taghmel atti ohra, bhal produzzjoni ta' xhieda, minghajr ma hadet l-azzjoni opportuna jekk dan kien il-kaz.

ii. Fir-rigward tat-talba sabiex tigi ipprezentata nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri rigward preskrizzjoni abbazi tal-fatt li skont l-istess socjeta` konvenuta fil-frattemp kull pretensjoni attrici giet preskritta, din il-Qorti hija tal-fehma illi l-ewwel Qorti kienet korretta li cahdet tali talba stante li ma rrizultat l-ebda cirkostanza li tiggustifika dik it-talba. Jekk is-socjeta` konvenuta kienet qed tinsisti li l-azzjoni attrici hija preskritta ghaliex ic-citazzjoni odjerna ma gietx notifikata mill-gdid, kif tallega fir-rikors tal-appell, allura

ghall-motivi li se jigu spjegati aktar 'il quddiem, din il-pretensjoni hija wkoll bla ebda bazi guridika.

iii. Fir-rigward tat-talba ghal referenza kostituzzjonali din il-Qorti, bhall-ewwel Qorti, wkoll thoss li tali talba mhi sorretta minn ebda gustifikazzjoni. Is-socjeta` konvenuta kellha kull opportunita`, kif ghamlet, li tressaq il-provi taghha. Fir-rigward tat-tul taz-zmien tal-proceduri din il-Qorti tirrileva illi l-akbar pregudizzju kienet semmai qed issofrih is-socjeta` attrici stante li hi kienet imcahhda ghal tant snin minn dak dovut lilha, jekk it-talbiet taghha jigu milqugha .

**Illi ghalhekk dan l-appell mid-digriet tal-15 ta' Marzu 2007 qieghed jigi michud ukoll.**

**3. L-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2148 (f) u 2156 (f)**

Illi s-socjeta` konvenuta f'dan l-istadju eccepiet zewg tipi ta' preskrizzjoni u cioe` dik ai termini tal-Artikoli 2148 (f) u 2156 (f) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi fir-rigward tal-preskrizzjoni tat-tmintax-il xahar, is-socjeta` konvenuta tirrileva illi l-azzjoni attrici hi preskritta stante li ghadda l-imsemmi terminu mill-ghoti tas-servizz u mill-hrug tal-fatturi relattivi.

Illi c-citazzjoni odjerna giet ipprezentata fis**-26 ta' April 1985**. L-ordni ghall-kiri ta' *scaffolding* skont Dokumenti LA1 u LA2[3] huma datati rispettivament **20 u 22 ta' Settembru 1983**. Din l-ordni giet segwita b'*invoices*, l-ahhar wahda tkun dik bin-numru 4010[4] tal-process li s-sena fuqha ma tidhirx. Is-socjeta` konvenuta b'referenza ghall-*invoices* mahruga, permezz ta' ittra datata 13 ta' Marzu 1984[5] cahdet kwalunkwe responsabbilita` ghall-istess *invoices* u ddirigiet lis-socjeta` attrici biex tindirizza l-pretensjonijet taghha lis-socjeta` Cable Communications Co. Ltd. Sussegwentement intbaghtet ittra datata 15 ta'

---

[3] Fol. 282-3
[4] Fol. 5 u 285
[5] Fol. 289

Novembru 1984[6] fejn is-socjeta` konvenuta regghet giet interpellata ghall-hlas. Fit-**22 ta' Marzu 1985**[7] gietipprezentata ittra ufficjali kontra s-socjeta` konvenuta ghal liema ittra s-socjeta` konvenuta rrispondiet fit-2 ta' April 1985[8].

Illi minn ezami ta' *invoice number* 4010[9] jirrizulta illi s-servizz ta' kiri inghata f'perjodi differenti u cioe`:-

Minn **22.9.83** sa 30.8.84
Minn 29.9.83 sa 30.8.84
Minn 17.10.83 sa 30.8.84
Minn 18.10.83 sa 30.8.84

Ghalhekk jirrizulta illi l-aktar data antika minn meta bdiet tiddekorri l-preskrizzjoni hija dik tat-22 ta' Settembru 1983 li permezz tal-ittra ufficjali datata 22 ta' Marzu 1985 giet definittivament interrotta. Stabbilit dan il-fatt, is-socjeta` konvenuta tqajjem il-punt li qatt ma seta' kien hemm interruzzjoni ta' preskrizzjoni stante li l-ittra ufficjali kienet indirizzata kontra persuna li ma kellhiex ir-rapprezentanza gudizzjarja tal-istess socjeta`. Din il-Qorti ma tarax dan il-fatt bhala ostakolu ghall-interruzzjoni tal-preskrizzjoni. Il-pretensjoni li kellha s-socjeta` attrici kienet kontra s-socjeta` konvenuta u l-isem ta' persuna fizika kien f'dak iz-zmien rikjest peress li ma kienx ghadu possibbli li tistitwixxi proceduri jew atti gudizzjarji direttament kontra socjeta` b'responsabbilita` limitata. Fil-fatt lanqas l-istess Lino Cassar fil-vesti tieghu ta' dak iz-zmien ma rrisponda li hu mhux il-legittimu kontradittur ghal dik l-ittra ufficjali, izda semplicement wiegeb li ma kien hemm l-ebda rapport guridiku bejn iz-zewg socjetajiet. Certament il-legittimu kontradittur tas-socjeta` attrici kienet is-socjeta` konvenuta u mhux id-diretturi taghha.

Il-Qorti taghmel hawnekk referenza ghad-decizjoni **Korporazzjoni Enemalta v. Elbros Construction**

[6] Fol. 284
[7] Fol. 25
[8] Fol. 20.
[9] Fol. 5/285

**Limited**[10] fejn il-Qorti qalet illi l-fatt li l-ittra ufficjali ntbaghtet b'isem hazin, ma jnaqqas xejn mill-validita` taghha, sakemm ma jkun hemm ebda dubju dwar l-identita` tad-destinatarju tal-ittra u li fil-fatt l-ittra tkun waslet ghandu. Madankollu f'dak il-kaz il-Qorti kienet iddecidiet li l-ittra ufficjali ma nterrompietx il-preskrizzjoni billi ma rrizultax jekk il kumpanija gietx notifikata. F'dan il-kaz pero` s-socjeta` konvenuta giet indirizzata kif suppost u kien biss l-isem tar-rapprezentant gudizzjarju taghha li kien zbaljat u l-ittra giet ricevuta minnha. Ghalhekk il-Qorti hi tal-fehma illi l-ittra ufficjali tat-22 ta' Marzu 1985 effettivament interrompiet il-preskrizzjoni fil-konfront tas-socjeta` konvenuta stante li biha s-socjeta` attrici uriet li kellha l-hsieb li thares l-interessi taghha kontra l-istess socjeta` konvenuta.

Illi fir-rigward imbaghad tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2156 (f) tal-Kap. 16, il-Qorti taghmel referenza ghal dak li gie sottomess aktar 'il fuq fejn gie ritenut illi l-fatt li s-socjeta` konvenuta anke pproduciet xhieda quddiem il-Perit Legali juri bic-car li s-socjeta` konvenuta kienet taf bil-proceduri odjerni u ghalhekk ma tistax tapprofitta ruhha mill-fatt li c-citazzjoni ma regghetx giet notifikata kif korretta biex teccepixxi tali preskrizzjoni.

**4. L-appell fil-mertu**

Illi fil-mertu is-socjeta` appellanti issostni s-segwenti:-

1. Illi l-ewwel Qorti strahet wisq fuq ir-rapport tal-Perit Legali meta dan ma kellux ikun il-kaz stante li dan ma jidholx fil-parametri ta' perizja teknika.

2. Illi l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta ddecidiet li "store issue voucher" inghatat lil Leon Davis mill-istess socjeta` biex jaghmel l-ordni in kwisjtoni stante li dan ghamel hekk b'qerq.

---

[10] PA(GCD) 19 ta' Novembru 2004.

3. Illi l-ewwel Qorti u l-Perit Legali kienu zbaljati meta qiesu li ma kien hemm ebda oppozizzjoni ghall-kwantum mitlub mis-socjeta` attrici.

**Perizja**

1. Din il-Qorti thoss illi sa certu punt is-socjeta` appellanti hija gustifikata fl-ilment taghha fir-rigward tal-fatt illi dak li kellha quddiemha l-ewwel Qorti ma kinitx perizja teknika imma wahda legali u ghalhekk il-maggoranza tal-gurisprudenza kkwotata mill-istess Qorti sa certu punt hija ftit jew wisq irrilevanti. Jibqa' l-fatt pero` li l-ewwel Qorti ghamlet ukoll ir-ragunament taghha li wassalha ghall-konvinciment li s-socjeta` attrici kellha ragun fit-talbiet taghha. Ghalhekk filwaqt li huwa veru li fil-kaz in kwistjoni ma kienx hemm *giudizio d'arte* jibqa' l-fatt li s-sentenza mhix nulla ghax l-istess hija sorretta minn ragunijiet li wasslu lill-istess Qorti tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha.

**Responsabbilita`**

2. Is-socjeta` konvenuta tilmenta li l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta ddecidiet li l-"*store issue vouchers*" inghataw lil Leon Davis minnha biex jaghmel l-ordni in kwistjoni stante li dan ghamel hekk b'qerq. Il-Qorti tirrileva illi l-kwistjoni ta' **qerq qatt ma giet ivventilata quddiem l-ewwel Qorti.** Dak li dejjem gie sottomess kien li l-istess "*store issue vouchers"* kienu nghataw minn impjegati tal-istess socjeta` konvenuta sabiex jinqeda Leon Davis. Fil-fatt Albert Galea xehed li r-raguni ghala nghataw "*store issue vouchers"* lil Davis kienet li "probbabilment gara li hu ma kellux *stationery* tieghu u ahna tajnieh minn taghna biex jinqeda."[11] Qatt ma gie attribwit xi forma ta' qerq lil Leon Davis u ghalhekk din il-Qorti f'dan l-istadju, apparti l-fatt li ma tezisti l-ebda minimu ta' prova dwar tali qerq, sejra tiskarta din l-ipotezi.

Din il-Qorti, bhall-ewwel Qorti, hi tal-fehma illi min ta l-imsemmi *stationery* lil Leon Davis kien jaf l-iskop li ghalih

[11] Ara xhieda ta' Albert Galea a fol. 226

kien se jintuza minn Leon Davis. Dan il-konvinciment huwa msahhah anke mill-fatt illi Albert Galea, *administration manager* tas-socjeta` konvenuta, xehed li kien kellem lil Albert Scerri dwar l-istess kiri ta' *scaffolding.* Il-Qorti tkompli ssahhah dan il-konvinciment taghha li s-socjeta` konvenuta hija responsabbli ghall-hlas mitlub, anke mill-fatt illi meta l-istess Galea cempel lil Lawrence Attard biex is-socjeta` attrici tnehhi l-istess *scaffolding* l-istess Attard fakkru li l-ftehim kien li s-socjeta` konvenuta taqilghu u s-socjeta` attrici ggorru. Haga li fil-fatt saret. Dan juri li kien jezisti ftehim bejn is-socjeta` attrici u s-socjeta` konvenuta u ghaldaqstant din il-Qorti tqis li hu inverosimili li s-socjeta` konvenuta kienet ghal kollox estraneja ghal dan in-negozju. Kieku verament is-socjeta` konvenuta kienet estraneja ghal tali ftehim ma kinitx se tirrikonoxxi li hi kellha taqla' l-armar.

**Kwantum**

3. Is-socjeta` konvenuta thossha aggravata wkoll bil-fatt li l-ewwel Qorti u l-Perit Legali kienu zbaljati meta qiesu li ma kien hemm ebda oppozizzjoni ghall-kwantum mitlub mis-socjeta` attrici. Il-Qorti tirrileva illi l-ewwel Qorti innifisha kkummentat li l-provi fuq il-kwantum kienu ftit limitati, izda billi skont hi ma saret ebda kontestazzjoni kemm dwar il-kwantum tat-taghmir u kif ukoll dwar il-prezz mitlub, kellha tilqa' t-talba kif dedotta.

L-oneru tal-prova tas-somma mitluba tinkombi fuq is-socjeta` attrici li ghandha l-obbligu li adegwatament tipprova l-istess, almenu fuq bazi ta' probabbiltajiet. F'kaz li jippersisti dubbju ragjonevoli, tali dubbju ghandu jmur favur is-socjeta` konvenuta. Din m'ghandha obbligu li tipprova xejn. Japplikaw ghalhekk il-massimi legali li *onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat,* u li, jekk tali prova ma ssirx, *actore non probante reus absolvitur.*

Il-provi dwar il-kwantifikazzjoni tal-ammont mitlub jinsabu essenzjalment fl-*invoice* a fol. 5 tal-process. L-unika prova ghal ordni ta' taghmir hija dik kontenuta f'Dok LA

1[12]. Minn dan id-dokument jirrizulta illi gie ordnat 6000 pied ta' "tube in selected lengths" bit-tmien centezmi mensili ghall kull pied. Illi din l-ordni x'aktarx hija riflessa f'Dok A taht l-*item "From 22.9.83 to 30.8.84 6002 feet at 8c per month per foot"* fl-ammont ta' Lm5761.92. Fl-istess invoice 4010 hemm referenza ghall-"*stores issue voucher* No. 000101) li tikkontjeni ordni ta' 6000 pied ta' "*tube in selected lengths*". Is-socjeta` attrici ma pproduciet l-ebda *order forms* ohra ghal taghmir ghajr Dok LA1. Ghalhekk il-Qorti hi tal-fehma illi fuq dan il-punt is-socjeta` konvenuta ghandha ragun[13]. Is-socjeta` attrici ma rnexxilhiex taghmel prova tal-ammont reklamat stante li dejjem ibbazat il-pretensjonijiet taghha fuq l-ordni ta' taghmir kif rizultanti minn Dok LA1, liema ordni certament ma tikkomprendix dak kollu li s-socjeta` attrici qeghdha tippretendi l-hlas tieghu f'*invoice no*. 4010. Ghaldaqstant jekk wiehed jiehu l-ordni ta' kiri ta' 6000 pied ghall-perjodu mit-22 ta' Settembru 1983 sat-30 ta' Awissu 1984 bit-8 centezmi mensili ghal kull pied jaghtu total ta' Lm5440 ekwivalenti ghal €12,671.79.[14]

Ghalhekk il-Qorti ssib li dan l-aggravju hu gustifikat u qieghdha tilqghu fis-sens li s-socjeta` konvenuta ghandha thallas lis-socjeta` attrici s-somma ridotta ta' €12,671.79.

## Decide

Ghal dawn il-motivi l-Qorti filwaqt li qeghdha tichad l-appell mis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Kummerc fit-23 ta' Gunju 1986, kif ukoll l-appell mid-digriet tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili tal-15 ta' Marzu 2007, qeghdha tichad l-eccezzjonijiet ta' preskrizzjoni mressqa f'dan l-istadju filwaqt li tilqa' l-appell limitatament ghall-aggravju dwar il-kwantum dovut lis-socjeta` attrici b'dan illi tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' €12,671.79 bl-imghaxijiet kummercjali.

---

[12] Fol. 282.
[13] Ara nota ta' sottomissjonijiet a fol. 360/361.
[14] Perjodu ta' hdax-il xahar u disghat ijiem bil-Lm480 fix-xahar ghal kull pied li jammontaw ghal Lm5440

In vista ta’ dak deciz hawn fuq, l-ispejjez taz-zewg istanzi ghandhom ikunu in kwantu ghal $^{2}/_{3}$ a karigu tas-socjeta` konvenuta u in kwantu ghal $^{1}/_{3}$ a karigu tas-socjeta` attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------